# IL-KULT MARJAN F'ĦAL TARXIEN

*jikteb ALFRED MASSA*

Il-komunità Tarxiniża sa mill-bidu ta' l-eżistenza tagħha kienet marbuta ma' twemminha. Dan jixhduh it-Tempji Neolitiċi li għandna li jmorru lura għal madwar 3,000 sena Q.K. Imbagħad meta providenzjalment ġie fostna l-Appostlu San Pawl fis-sena 60 W.K. it-Tarxiniżi, bħall-bqija tal-poplu Malti kollu, ma baqgħux jaduraw aktar l-allat foloz, iżda bdew jagħtu qima lil Alla veru.

Minn dak iż-żmien fost il-poplu ta' dawn il-gżejjer twieldet il-Kristjoloġija, jiġifieri, li Kristu sar iċ-ċentru tar-reliġjon tagħna. Naturalment, mal-Kristjoloġija ma dametx ma sabet post prominenti wkoll il-Marjoloġija. Għax mil-lat uman ma jistax ikun hemm iben jekk ma jkunx hemm omm.

U la qegħdin nitkellmu dwar Omm Kristu, tajjeb li niftakru li dik l-istess mara hija wkoll Ommna l-bnedmin. Hawn ta' min jifhem li l-figura materna dejjem ġibdet lejha l-imħabba ta' wliedha; fattur komuni saħansitra fost l-annimali. Għalhekk, Marija daħlet b'mod naturali fil-qlub ta' l-Insara. Għax wara kollox, fiha l-bniedem sab dik l-omm li tħobb bis-serjetà; dik l-omm li tagħder, li taħfer, li tħenn, li taqbeż għal uliedha dejjem u f'kull ċirkostanza. Dik l-omm li batiet u qasmet ma' Binha r-Redenzjoni ta' l-umanità.

B'hekk il-kult Marjan fostna l-Maltin wieħed jista' jgħid li jmur lura sal-miġja ta' San Pawl fostna. Tant hu hekk, li l-ewwel knisja li jingħad li twaqqfet f'Malta kienet dedikata lill-Madonna. Hekk jgħid il-poeta Ġorġ Zammit fil-poema tiegħu **"L-Għanja tas-Seba' Niċeċ"**. Zammit isejjaħ is-santwarju tal-Mellieħa: *"l-eqdem artal ta' gżiritna"*. Hemm jinsab kwadru tal-Madonna li skond it-tradizzjoni ġie mpitter minn San Luqa, sieħeb San Pawl fil-vjaġġ lejn Ruma.

Il-Maltin ħabbewha lill-Madonna u hi ħabithom ukoll. Dan tgħallimulna l-istess Storja ta' pajjiżna. Fil-fatt miktuba fil-Mistrah ta' quddiem dan is-santwarju hemm sentenza li tixhed dan: **Fik ittamaw missirijietna u Int smajthom**.

**Ħal Tarxien u l-Madonna:**



F'Ħal Tarxien fil-qedem kienet teżisti qima speċjali lejn il-Mara l-Ħoxna, l-alla tal-Fertilità. Iżda mbagħad meta t-Twemmin Nisrani ħa post dak pagan, il-Mara l-Ħoxna ċediet postha lill-Madonna.

Qabel ma Ħal Tarxien sar parroċċa indipendenti fl-1592 diġà kellu rabta ma' Marija għax kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birmiftuħ (Il-Gudja) bil-knisja dedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija. Sadattant, fir-raħal proprja, barra t-tliet knejjes ta' San Luqa, ta' San Pawl u ta' San Nikola, kien hawn ukull oħra dedikata lil-Lunzjata. Dan jinsab dokumentat fil-Viżta ġenerali li għamel lid-Djoċesi ta' Malta, Mons. Dusina fl-1575.

Wieħed ma jridx jinsa li l-kappella ta' Santa Marija, magħrufa bħala "Tar-Rokna", taf it-twelid tagħha għal ħabta ta' l-1415. Mons. Dusina kien żar ukoll din il-kappella fit-8 ta' Frar 1575. Dan allura jikkonferma kemm ilha tħeġġeġ fi qlub it-Tarxiniżi l-imħabba lejn Marija Santissima; liema mħabba laħqet il-

quċċata tagħha fid-29 ta' Mejju, 1592 meta Ħal Tarxien sar parroċċa indipendenti fi żmien l-Isqof Tommaso Gargalo (1578-1614). Bħala patruna tar-raħal intgħażlet il-Madonna taħt it-titlu ta' l-Annunzjata.

Issa r-rabta bejn Ħal Tarxien u Marija kompliet issaħħet. Barra l-knisja parrokkjali għandna żewġ knejjes filjali oħra li huma dedikati lilha; dik ta' Santa Marija u l-oħra tal-Madonna tal-Kunsill it-Tajjeb (ta' San Bert). Barra minn dan, fil-knisja parrokkjali stess, minn ħdax-il altar (barra dak ewlieni), sebgħa minnhom huma dedikati lill-Madonna.

Dawn huma l-altari tal-Kunċiżżjoni, tar-Rużarju, tad-Duluri, taċ-Ċintura, tas-Sagra Familja, tal-Karmnu, tad-Duttrina u naturalment tal-Lunzjata. Fuq dawn l-altari hemm kwadri li tpittru minn artisti ta' fama kbira; bħal Rokku Buhagiar (1725-1805), Enrico Regnaud (1692-1764), Giuseppe Calì (1846-1930), Francesco Zahra (1710-1773) u Pietro Gaglardi (1809-1980).

Ma' dawn il-kwadri ta' min iżid l-erba' statwi li għandna; dik tal-Kunċizzjoni (1870) ta' Karlu Darmanin (1825-1909), tad-Duttrina (1877) ta' Gerolamo Darmanin (1834-1879), tar-Rżarju (c. 1699) li l-iskultur tagħha mhux magħruf, u m'għandniex xi ngħidu l-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata (1829) li nħadmet minn Mastru Xandru Farrugia (1781-1871).

**Fit-toroq, fil-familji:**




L-imħabba tat-Tarxiniżi lejn Marija tidher ukoll barra l-knisja parrokkjali u l-kappelli. Tidher fin-niċeċ li jkennu l-istatwi ġeblija tal-Madonna taħt diversi titoli. Wieħed isib dik tal-Karmnu fi Triq Paola, ta' Lourdes fi Triq Sant'Anna, tar-Rużarju fi Triq il-Kbira, tal-Kunċizzjoni fi Triq Xintill u tal-Lunzjata f'Misraħ is-Suq. U xi ngħidu għan-niċċa kbira tal-Lunzjata li hemm fi Triq Tal-Barrani. Din inħadmet għal ħabta ta' l-1762 mill-iskultur Tarxiniż, Salvu Muscat.

Daqqa t'għajn lejn l-ismijiet ta' toroq turina li wħud minnhom huma marbutin mal-Madonna! Bħal Triq l-Annunzjata, Triq il-Karmnu, Triq Santa Marija, flimkien ma' toroq oħra bħal Triq l-Isqof Gargallo u Triq id-29 ta' Mejju 1592 li għandhom konnessjoni speċjali mal-parroċċa tagħna. Hawn wieħed jista' jsemmi anke l-ismijiet ta' djar u l-istatwi b'fanali ċkejknin fuqhom li huma xhieda oħra ta' l-imħabba li tħeġġeġ fi qlub tant u tant familji ulied dan ir-raħal "ta' Marija".

Issib lil min iqisha ħasra li llum bosta ġenituri qegħdin jagħtu lit-trabi tagħhom isimijiet konnessi ma' xi *soap opera* li tintwera fuq it-televiżjoni. Oħrajn qegħdin jagħżlu isimijiet ta' persuni poplari barranin f'oqsma oħra tal-ħajja kontemporanja. B'danakollu, l-isem "Marija" jew ismijiet oħrajn konnessi mal-Madonna, għalkemm naqsu sewwa, b'danakollu wieħed għadu jiltaqa' magħhom ukoll fil-familji tagħna.

**Għeluq:**

Huwa minnu, li dan kollu waħdu ma jiswa xejn. Għax dak li hu estern jaf itir mar-riħ f'ħakka t'għajn. Importanti li l-estern ikun mera sinċiera tal-ġewwieni tagħna; fi kliem ieħor, importanti li wieħed ikun konvint minn dak li jemmen.
Min-naħa l-oħra, aħna bnedmin. Ċeratament, mhix ħaġa ħażina li l-ġisem jikkumplimenta lir-ruħ. Li wieħed juri minn barra dak li tassew jemmen fih. Il-ħażin hu l-faċċoliżmu. Li wieħed, ngħidu aħna,

jwaħħal statwa tal-Madonna mal-bieb ta' daru jew li jiftaħar kemm iħobb il-festa tal-Lunzjata, imbagħad jidgħi bl-isem ta' Marija SS. Inkella ma jersaq qatt lejn is-Sagramenti jew iħalli l-egoiżmu jmexxih minn imnieħru, u jinsa għal kollox lill-proxxmu tiegħu. Dan, iva, hu ħażin!

Imma li wieħed juri esternament l-imħabba tiegħu lejn Ommna tas-Sema hi ħaġa tajba. Fuq kollox, dan huwa wkoll parti mill-wirt għażiż li ħallewlna missirijietna. Għalhekk nagħmlu sew jekk ngħożżuh u nibżgħu għalih. Għax kif jgħid il-poeta lil Ħal Tarxien:

*"Ftakar l'int u Marija bħal bniedem;*
*int il-ġisem, Marija, ir-ruħ.*
*It-tnejn f'daqqa bħal Warda Maltija;*
*warda tgħaxxqek, sabiħa u tfuħ"*

Ħal Tarxien mingħajr il-Lunzjata hu raħal mejjet. Il-Madonna ttih il-ħajja; u Ħal Tarxien huwa aħna. Għalhekk ħaġa sabiħa li nkunu kburin li aħna wlied Marija u m'għandniex nistħu nistqarru mħabbitna lejha esternament. L-aqwa li l-imħabba tagħna tkun ġejja minn moħħna u minn qalbna.

*Referenzi:*
1. *"Marian Devotions in the Islands of St. Paul"* – V. Borg (1983).
2. *"Djar is-Sultana" Vol. 3.* – Kilin (1969).
3. *"Ħal Tarxien"* – V. Battistino (1993).
4. *"Poeżiji"* – George Zammit (K.K.M. Nri. 117/118).

